# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 t' Ottubru, 2018**

**Talba Nru: 395/2017 PM1**

**SMS Insurance Agency Ltd (C5645)**

**Vs**

**Baron Networks Ltd (C22297)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-disgha u ghoxrin (29) t'Awwissu, 2017 illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi ordnata thallas is-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin euro u sitta u hamsin centezmi (€454.56) rapprezentanti bilanc ta' hlas dovut in konnessjoni ma servizzi ta' assikurazzjoni provduti mis-socjeta` attrici lill-konvenuta, flimkien ma spejjez u imghaxijiet legali skont il-ligi.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz tat-talba.

Ra illi permezz tar-risposta datata 18 t'Ottubru, elfejn u sbatax (2017) is-socjeta` konvenuta eccepiet illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi :

1. It-talba attrici tirrigwardja talba ghall-hlas ta' fattura 97708, liema somma thallset permezz ta' cekk HSBC10515 li ssarraf mill-attrici fit-28 ta' Mejju, 2016 ;
2. Illi mhux talli s-socjeta` konvenuta m'ghandha thallas xejn lis-socjeta` attrici, talli s-socjeta` attrici hija debitrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' tlett elef u mitejn euro (€3,200).

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra wkoll li l-istess socjeta` intimata ressqet, kontestwalment mar-risposta, kontro-talba permezz ta' liema jinghad li s-socjeta` attric ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' tlett elef u mitejn euros (€3,200) rapprezentanti danni sofferti fuq vettura Toyota Hilux bin-numru BNL002 assikurata mas-socjeta` attrici b'polza ta' assikurazzjoni fuq vetturi kummercjali ; bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-istess kontro-talba kontra s-socjeta` attrici ingunta in subizzjoni.

Ra illi s-socjeta` attrici ressqet risposta datata 26 t'Ottubru, 2017 ghall-kontro-talba surreferita permezz ta' liema eccepiet li :

1. Filwaqt li SMS Insurance Agency hija agent tas-socjeta` assikuratrici, din ma hijiex inkarigata li thallas il-claims; il-kumpannija assikuratrici hija, semmai, legittima kontradittrici ta' din il-kawza ;
2. Ghalhekk l-attrici rikonvenzjonata ma ghandha taghti xejn lil Baron Networks Ltd

Bl-ispejjez u imghaxijiet u salv kull dritt iehor.

Sema' x-xhieda ta' George Said waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2018.

Ra d-dokument immarkat Dok SMS1 ezebit waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2018 u kompla jisma' x-xhieda ta' George Said waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda ta' Mario Mifsud moghtija waqt is-seduta tas-26 t'April, 2018.

Kompla jisma' x-xhieda ta' Mario Mifsud waqt is-seduti tal-4 ta' Mejju, 2018 u tas-6 ta' Gunju, 2018.

Ra n-nota tas-socjeta` intimata datata 12 ta' Lulju, 2016 u l-affidavit ta' Mark Stephenson anness maghha.

Ra wkoll in-nota tas-socjeta` intimata datata 18 ta' Settembru, 2018 permezz ta' liema l-istess socjeta` intimat cediet il-kontro-talba stante li llum il-vertenza giet tranzatta mal-kumpanija Mapfre Middlesea pls, filwaqt li zammet fermi l-eccezzjonijiet fuq it-talba attrici.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri legali tal-partijiet.

Ra li l-kawza odjerna gie differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi fl-ewwel lok jigi nutat li permezz tan-nota datata 18 ta' Settembru, 2018 s-socjeta` intimata cediet il-kontro-talba taghha stante tranzazzjoni ma' terzi. Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess kontro-talba salv illi ser jikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez relattivi ghall-istess fin-nuqqas ta' arrangjament iehor milhuq bejn il-partijiet.

Illi ghaldaqstant dak li jifdal li jigi determinat huwa jekk is-somma mitluba mis-socjeta` attrici hijiex dovuta mis-socjeta` intimata. F'dan ir-rigward is-socjeta` intimata tikkontendi li, sakemm is-somma mitluba hija konnessa mal-fattura numru 97708, hija kienet hallset dan l-ammont permezz tac-cekk datat 19 ta' Mejju, 2016 (fol. 5 tal-process).

Illi matul id-diversi seduti li nzommu f'dan il-kaz it-Tribunal kellu l-opportunita` li jifli sew il-mod illi bih kienu qed jigu allokati l-pagamenti affetwati mis-socjeta` intimata lis-socjeta` attrici. B'mod partikolari irrizulta mid-dokument immarkat MM1 a fol. 37 tal-process li s-somma ta' €454.56 kienet verament dovuta a bazi tal-fattura numru 97708 datata 3 ta' Gunju, 2015 li baqghet tidher bhala 'outstanding' wara li l-pagament fis-somma ta' €2368.42 (maghmul fid-19 ta' Mejju, 2015 fol. 5 tal-process) gie allokat ghal-fatturi 3115518 (fis-somma ta' €222.24), 3172157 (fis-somma ta' €303), 3172117 (fis-somma ta' €271.97), 3172093 (fis-somma ta' €391.60), 3172290 (fis-somma ta' €116.61), BNL007 (fis-somma ta' €193), BNL001 (fis-somma ta' €298), BNL003 (fis-somma ta' €298) u MSS100 (€274) imma mhux ghall-fattura imsemmija 97708. Kif xehed Maro Mifsud fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2018 « wara li wiehed jikkunsidra l-pagamenti kollha li kienu imhallsin mis-socjeta` attrici intimata xorta wahda jirrizulta li din ghadha debitrici fil-konfront taghna ghas-somma mitluba permezz ta' dawn il-proceduri. »

It-Tribunal ikkunsidra wkoll li, ghalkemm is-socjeta` attrici prezentat rendikont shih tal-pagament effetwati mis-socjeta` intimati, baqghet ma tressqet ebda kontestazzjoni ghal dan ir-rendikont salv l-argument li, skont l-istruzzjonijiet tas-socjeta` intimata, l-ammont mitlub suppost gie mhallas tramite l-allokazzjoni indikata mill-istess socjeta` permezz tal-ittra datat 19 ta' Mejju, 2016. Madanakollu mhux minnu li, kif xehed Mark Stephenson permezz tal-affiavit tieghu, « *As far as we know, all invoices we received were settled* » u dan ghaliex jirrizulta car mir-rendikont prezentat mis-socjeta` attrici li l-bilanc mitlub baqa' ma thallasx u kwindi ghadu dovut. L-allokazzjoni mitluba mis-socjeta` intimata f'dan il-kuntest lanqas tista' tigi kkunsidrata bhala prova ta'

pagament u dan ghaliex irrizulta daqstant iehor car li dak il-pagament kien gie allokat ghal fatturi ohrajn filwaqt li, fi kwalunkwe kaz, is-somma bilancjali dovuta tibqa' dik mitluba mis-socjeta` attrici permezz ta' dawn il-proceduri. It-talba odjerna taghmel referenza ghal bilanc li ghadu dovut, liema bilanc fil-fatt irrizulta li ghadu dovut wara li tqiesu l-pagament kollha effetwati mis-socjeta` intimata.

Perdipiu` jigi nutat li l-allokazzjoni differenti minn dik mitluba kellha tirrizulta lis-socjeta intimata meta l-ammont mitlub baqa' jidher bhala pendenti anke fl-i*statements* mahrugin mis-socjeta` attrici (fol. 27 u 37 tal-process) oltre mill-ispjegazzjoni cara li nghatat mir-rapprezentat legali tas-socjeta` attrici permezz ta' email datata 3 t'Awwissu, 2017. Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li lanqas huwa opportun xi temperament fir-rigward tal-kap tal-ispejjez liema spejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-istess socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba imressqa mis-socjeta` konvenuta stante c-cessjoni tal-istess, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lils-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u erbgha u hamsin euro u sitta u hamsin centezmi (€454.56) flimkien mal-ispejjez gudizzjarji tat-talba u l-kontro-talba u bl-imghaxijiet fuq l-istess sa mit-3 ta' Gunju, 2015 data tal-fattura numru 97708 kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**